


# L-istatwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu

Bord Editorjali

Huwa xieraq li hekk kif ser jibda ir-restawr fuq l-istatwa ta' Sant'Andrija nippublikaw l-istorja u l-avvenimenti li seħħew hekk kif din l-istatwa ġiet imwaqqfa fi Triq il-Karmnu sabiex tfakkar l-ewwel formazzjoni tal-Għaqda Mużikali La Stella fir-raħal ta' Ħal Luqa fis-sena 1878. Xhieda ta' dan hija s-simbolu tal-istilla li għadna narawha sallum mal-istruttura tal-ħadid li nsibu madwar l-istatwa tal-ġebel. Din l-istruttura sallum għadha tinxtegħel mill-Ħalluqin permezz ta' xi wiegħda li jitolbu lill-appostlu Sant'Andrija.

Fil-kitba tiegħu l-istoriku Noé Ciappara jirrakkonta hekk:

*Fejn illum (1978) hemm l-istatwa ta' Sant'Andrija, dik il-kantuniera dejjem kienet ixxanfrinata. Dak iż-żmien, dik id-dar kienet sular wieħed; fuq il-bejt kien hemm kannizzata tal-għeneb il-ġmiel tagħha. Kienu joqogħdu fiha familja ta' ħamsa minn nies - xebba jisimha Maria u erba' ġuvintur: Indrì, Nikola, Franġisk, u Giusepp Portelli mlaqqma Ta' Xappopa u kellhom ħanut tal-inbid.*

*Meta bdew isiru dawn il-laqgħat u programmi ħfief spissi xi ħadd minn tal-kumitat, aktarx mastru Pietru Azzopardi mlaqqam Ta' Għadam, li dak iż-żmien kien prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, ġietu l-idea li quddiem din il-kantuniera li tiġi bejn Triq il-Karmnu u t-Triq ta' Wied il-Knejjes, titwaqqaf statwa ta' Sant'Andrija, il-patrun ta' Ħal Luqa bħala tifkira ta' din l-għaqda.*

*L-idea ntogħġbot ħafna, u wara li ġiet approvata mill-kumitat u mill-membri kollha, saret ġabra u ħasbu biex jinbeda x-xogħol. Mastru Piet Azzopardi, billi kellu l-barrieri, offra li l-ġebel jagħtih b'xejn. Il-pjanta tal-pedestall u l-figura tal-istatwa ta' Sant'Andrija ħallewha f'idejn iż-żagħżugħ Andrè Vassallo (Ħalluqi).*

*Ġie magħżul l-iskultur mastru Ċens Decandia mill-Belt biex jiskolpi din l-istatwa ta' Sant'Andrija. Andrè Vassallo ta l-qies u l-kobor tal-ġebla lil mastru Piet biex jaqtagħha sħiħa mill-barriera u wara li nqatgħet ġabuha fost tant tbatija u poġġewha f'dik ir-rokna fejn kien hemm il-ġiebja tal-ilma, ftit 'il bogħod minn fejn kellha titqiegħed.*

*Wara li Andrè Vassallo ta l-pjanta tal-figura tal-istatwa lill-iskultur Decandia, beda jiskulpixxi fl-istess post li semmejna.*

*Xi bennejja oħra ħadu ħsieb biex jibnu l-pedestall fuq il-pjanta ta' Andrè Vassallo illi kellu jinbena mal-istess kantuniera li semmejna. U biex jibqa' l-ispazju biex ikunu jistgħu jgħaddu l-karettuni, il-pedestall inbeda bid-djieq u baqa' sakemm spiċċa għall-wisa' tal-pedestall ta' taħt l-istatwa kif għadu jidher sallum (1978).*

*F'inqas ħafna minn sena, il-pedestall u l-istatwa ta' Sant'Andrija kienet lesta. L-iskultura li hemm fil-pedestall ħadimha Andrè Vassallo stess. Għalhekk intgħażlet ġurnata sajfija tas-sena 1878 biex fiha tiġi mtella' din l-istatwa mixtieqa tal-patrun tagħhom Sant'Andrija. Dakinhar tat-tlugħ tal-istatwa saret festa kbira, il-poplu tar-raħal inġemgħa u l-bandisti bl-istrumenti f'idejhom lesti għal din id-dimostrazzjoni memorabbli tal-bidu ta' din l-għaqda mużikali f'Ħal Luqa. Il-kappillan Dun Giusepp Ruġġier Trapani, flimkien mal-kleru, niżlu proċessjonalment mill-knisja sal-post biex ibierek din l-istatwa ta' Sant'Andrija u, wara li ġiet imbierka, fost id-daqq tal-istrumenti u l-isparar tal-musketterija, ġiet imtella' fuq il-pedestall fost ħafna għajjat ta' Viva Sant'Andrija! u ċapċip mill-poplu preżenti. Mal-pedestall insibu plakka li fiha hemm kitba li tgħid hekk- 'Huyu Vive Habitantium Pieta Fecit Cura Petri Azzopardi li tfisser- 'Dan il-monument ġie magħmul mill-ġenerożità ta' Pietru Azzopardi'. Interesanti l-fatt li sal-lum din l-istatwa għad jiehdu ħsiebha dixxendenti ta' mastru Pietru Azzopardi.*



Dehra tal-Istatwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu fejn bdiet l-ewwel formazzjoni mużikali f'Ħal Luqa